MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 156/2013

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta’ Mejju 1979 skont kif jidher mic-certifikat taz-zwieg (Dok. A);

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett’ itfal, illum kollha maggorenni cjoe V (mwielda 28/04/1981), S (mwielda 29/08/1982) u J (mwielda 10/10/1990). Jessica tghix ma l-intimata pero` ghandha impieg full time;

Illi huma sseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood tas-7 ta' Marzu 2008 (Dok. B);

Illi huma ilhom legalment separati ghall-aktar minn erba` snin u m'hemmx lok li jkun hemm rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni hemm stipulazzjonijiet xierqa dwar il-manteniment tal-intimata liema manteniment thallas u qed jithallas regolarment.

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn l-partijiet taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat skont il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

Illi qed taghti ruhha notifikata bir-rikors tal-attur.

Illi hija ma topponix ghat-talba tal-attur.

Illi hija qed tinforma lil Qorti li l-attur dejjem hallas manteniment u ghadu jaghmel hekk sal-lum.

Illi hija tixtieq tirriverti ghal kunjomha xebba "Cachia".

Salv risposti ulterjuri.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' April, 2013;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi fl-ewwel lok il-Qorti qeghda tilqa t-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' “Cachia”;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba’ (4) snin u isseparaw permezz ta’ kuntratt datat 7 ta’ Marzu 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku skond il-Ligi;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------